Fondi tal-UE għal Malta 2014-2020

GAL XLOKK

LEADER

**Miżura 1 - Restoration of assets of artistic and cultural value**
**Miżura 2 – Strengthening a healthy cultural value**
**Miżura 3 - *Promotion of the Cultural Heritage u***
**Miżura 4 – *Development of Green infrastructure***

Il-Fondazzjoni Gal Xlokk (GXF) qed toħroġ is-sejħa għall-proposti, għall-mizuri 1, 2, 3 u 4 taħt il-programm LEADER 2014–2020. Dawn l-azzjonijiet jifformaw parti mill-istrateġija għall-Iżvilupp Lokali ta' GXF.

**Miżura 1 -** Din l-azzjoni tappoġġja r-restawr ta' oġġetti fuq skala żgħira ta' valur kulturali u storiku sinifikanti fit-territorju b'aċċess raġonevoli bla ħlas mill-pubbliku ġenerali. Il-Benefiċjarji ewlenin huma l-għaqdiet Volontarji reġistrati mal-Kummissjoni tal-Volontarjat, il-kunsilli lokali u individwi privati.

**Miżura 2 -** L-għan tal-miżura huwa li tipprovdi l-appoġġ meħtieġ sabiex il-ħidma tal-għaqdiet volontarji fis-settur kulturali jrawmu socjeta' aktar b'saħħitha fl-izvilupp tal-identita' tat-territorju tal-Xlokk ta' Malta. Il-Benefiċjarji ewlenin taħt din il-miżura huma l-għaqdiet Volontarji.

**Miżura 3** tissaportja d-dokumentazzjoni u/jew d-digitalizzazzjoni t'informazzjoni, *branding* u reklamar relatati mal-wirt kulturali, it-twaqqif ta' heritage tours u trails li jagħqdu attrazzjonijiet u siti turistiċi ta' valur, kif ukoll l-installazzjoni limitata ta' strutturi fiżiċi għal aċċess u mobilta` mtejba. Il-benefiċjarji huma l-Kunsilli Lokali, l-għaqdiet Volontarji u l-entitajiet privati.

**Miżura 4** għandha l-għan li tiġi ssalvagwardjata l-eko-sistema u l-biodiversita', filwaqt li ser ittejjeb il-kwalita' tal-arja kemm tar-residenti kif ukoll tal-viżitaturi li huma interessati li jiskopru r-reġjun aktar fid-dettal. Il-proġetti magħżula ser ikunu qed iservu wkoll bħala spazju miftuħ u ta' rikreazzjoni f'żoni mibnija u oħrajn rurali fl-irħula tat-territorju. Il-benefiċjarji huma l-Kunsilli Lokali u l-għaqdiet Volontarji ambjentali.

Is-sejħiet ser ikunu miftuħa **mit-18 ta' Ġunju 2020. L-applikazzjonijiet jintlaqgħu sat-23 ta' Lulju 2020, f'nofsinhar**. Il-GAL ser ikun qed jippublika nota fuq is-sit eletronikku f'kas li xi miżura tibqa miftuħa**. Il-proġetti kollha għandhom element ta' 80% ko-finanzjament.**

Applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi permezz t'email fuq: info@galxlokk.com. Aktar informazzjoni tista' tinkiseb bit-Telefon: 2099 8008 jew email: info@galxlokk.com. Applikazzjonijiet u l-linji gwida jistgħu jitnizzlu mis-sit: www.galxlokk.com.

**Applikazzjonijiet li jiġu sottomessi tard ma jiġux aċċettati.**


**Programm tal-Iżvilupp Rurali għal Malta 2014–2020**

LEADER
Il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR)
Rata ta' Ko-finanzjament:
75% Unjoni Ewropea, 25% Gvern ta' Malta

**Il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali**
***L-Ewropa Tinvesti f'Żoni Rurali***